MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 724/2002

Avviz Nru 724/02DM

Manuel Borg

vs

Francis u Filippa konjugi Borg

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti jizgombraw mir-remissa adjacenti mall-fond 56, Triq Santa Marija, Zebbug, liema remissa tinsab minnhom okkupata minghajr ebda titolu validu fil-ligi u jirrilaxxaw il-pussess vakant ta’ l-istess remissa a favur ta’ l-attur.

Ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tar-remissa 'de quo' ma jeccedix is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) fis-sena.

Bl-ispejjez gudizzjarji u b'riserva ghal kull azzjoni ohra, inkluz azzjoni ghad-danni minhabba okkupazzjoni bla titolu tar-remissa in kwistjoni da parti taghhom kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Francis u Filippa, konjugi Borg, fejn eccepew illi:

1. Fl-ewwel lok l-atturi ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom;
2. Fit-tieni lok il-gudizzju mhux integru ghaliex l-atturi m'humiex l-unici proprjetarji tar-remissa adjacenti mal-fond 56, Triq Santa Marija, Zebbug;
3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma jistax jigi zgumbrat peress illi huwa co-proprjetarju tar-remissa in kwistjoni;
4. Fi kwalunkwe kaz, it-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda peress ir-remissa in kwistjoni tinfed u tifforma parti ntegrali mill-fond 56, Triq Santa Marija, Zebbug, liema fond ilu mikri ghand l-attur ghal aktar minn erbghin (40) sena u li jaghmel uzu minnu bhala r-residenza unika tieghu, u r-remissa mill-bidu nett kienet parti ntegrali ta' din il-kirja.
5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tal-5 ta' Gunju 2003 fejn il-kontendenti qablu li r-remissa in kwistjoni tappartjeni in kom-proprjeta, terz kull wiehed, lill-attur, lill-konvenut Francis Borg u lill-eredi ta' Guzeppe Borg u ddikjaraw illi huma sodisfatti dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata;

Semghet ix-xhieda bil-gurament u rat l-affidavit esibiti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi fis-seduta tal-5 ta’ Gunju, 2003, wara li l-kontendenti qablu illi r-remissa in kwistjoni tappartjeni in komproprjeta terz (1/3) kull wiehed lill-attur, lill-konvenut Francis Borg u lill-eredita’ ta’ Giuseppi Borg, il-konvenuti ddikjaraw li huma sodisfatti mit-titolu ta’ l-attur u rrinunzjaw ghall-ewwel (1) eccezzjoni minnu sollevata.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tiehux izjed konjizzjoni ta’ l-ewwel (1) eccezzjoni ta’ l-konvenuti.

Dwar it-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ghandu jigi enfasizzat mill-ewwel illi l-komproprjetarju m’ghandux bzonn l-assistenza tal-komproprjetarji l-ohra biex jiehu dawk il-passi kollha opportuni u necessarji sabiex jipprotegi u jissalvagwardja l-proprjeta’ tieghu kompriza kull azzjoni gudizzjarja; u fost il-passi li jista’ jiehu l-komproprjetarju biex jissalvagwardja l-proprjeta’ tieghu hija kompriza kull azzjoni li jista’ jiehu kontra kull possessur abbusiv tal-proprjeta’, u li jitlob l-izgumbrament tieghu.

Ghaldaqstant jiddikjara li l-attur ma kellux bzonn l-assistenza u l-adezjoni tal-komproprjetarji l-ohra sabiex jistitwixxi din il-procedura, u konsegwentement tirrespingi t-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ghalkemm fil-mertu l-attur iddedika l-isforzi tieghu biex jipprova illi r-remissa in kwistjoni ma hijiex kompriza fil-lokazzjoni tad-dar tar-residenza bin-numru 56,Triq Santa Marija, Haz Zebbug favur il-konvenuti, huwa stabbilit illi l-konvenut Francis Borg huwa komproprjetarju ta’ terza (1/3) parti indiviza tar-remissa in kwistjoni.

Ovvjament il-komproprjeta’ taghti d-dritt lill-komproprjetarju li jippossjedi, li jaghmel uzu u b’kull mod iehor igawdi l-proprjeta’ li taghha huwa komproprjetarju, u ghaldaqstant ghandu titolu validissimu fil-ligi li jipposjedi, juza u jgawdi r-remissa in kwistjoni a bazi biss tat-titolu tieghu ta’ komproprjeta’.

F’din il-kawza l-attur mhux qieghed jitlob illi jinghata mill-konvenuti l-istess dritt ta’ pussess, uzu u tgawdija tar-remissa izda b’dawn il-proceduri l-attur qieghed jitlob li l-komproprjetarju jigi zgumbrat u ma jippossediex u ma jgawdix izjed il-proprjeta’ in komunjoni.

Din it-talba ghalhekk ma tistax tirnexxi ghaliex il-komproprjeta’ tikkostitwixxi titolu validu fil-ligi u konsegwentement qeghda tirrespingi t-talba attrici u tilqa’ it-tielet (3) eccezzjoni fil-mertu sollevata mill-konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------